MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 2080/2000/1

**Mary Anne Zammit, Joseph Ellul u Monica Aquilina lkoll ahwa Ellul**

**v**

**Antonia u Bernarda ahwa Ellul**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Settembru, 2000 l-attur ppremettew illi

Emmanuel Ellul bin Salvatore miet fis-7 ta' Jannar, 1987 u halla warajh lill-uliedu Antonia, Bernarda, Salvina, Lucy u Emmanuele Ellul; illi l-istess Emmanuele Ellul halla bhala unici werrieta tieghu lill-uliedha (sic) Antonia u Bernarda xebbiet Ellul u lill-bqija ta' ulieda (sic) halla biss il-legittima u dana skond testment tas-16 ta' Mejju, 1987 fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut; illi l-istess Emmanuel Ellul bin Emmanuel miet intestat fit-22 ta' Novembru, 1998 u halla bhala unici werrieta tieghu lill-uliedu l-attur (sic); illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti sa biex tigi likwidata u mhallsa l-legittima lilhom spettanti mill-wirt ta' Emmanuel Ellull izda inutilment; u ghalhekk talbu li dik il-Qorti-

1. tillikwida l-legittima spettanti lill-Emmanuel Ellul bin Emmanuel mill-wirt ta' missierhu (sic) Emmanuel Ellul.
2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-legittima hekk likwidata;
3. Tordna l-pubblikazzjoni ta' l-att notarili relattiv fid-data hin u lok li jigi minn dina l-Qorti ffisata;
4. Tinnomina Nutar biex jippublika l-att relattiv u kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fit-13 ta' Novembru 2000 il-konvenuti eccepew illi ma huwiex minnu li l-eccipjenti qatt cahdu lill-atturi jew lill-mejjet missierhom Emmanuel Ellul li jhallsu l-legittima legali. L-eccipjenti kienu offrew lill-Emmanuel Ellul il-hlas tal-legittima fis-sena 1992 izda huwa qatt ma wiegeb ghall-offerta taghhom ghall-hlas. Ghalhekk l-eccipjenti jinsistu li huma ghandhom ihallsu lill-atturi esklussivament dak li kienu offrew ihallsu dakinhar, u dana peress li l-hlas ma twettaqx esklussivament minhabba nuqqasijiet attribwibbli lill-mejjet huhom Emmanuel Ellul. Ghalhekk ukoll l-eccipjenti ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawna l-proceduri.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza preliminarii tad-19 ta' Frar, 2004 il-Prim Awla tal-Qorti Civili, konformement mad-digriet moghti minn dik il-Qorti fit-3 ta' Dicembru, 2003, iddisponiet mill-ewwel eccezzjoni preliminari u cioe` dwar liema valur ghandu jigi

moghti lill-wirt ghall-finijiet tal-kejl/qies tas-sehem tal-legittima billi ddikjarat li l-kriterju li ghandu jittiehed biex jigi mahdum il-valur tal-legittima dovuta lill-atturi huwa dak li jqis is-siwi tal-gid tal-wirt rilevanti fiz-zmien tal-mewt ta' missier l-imharrkin, sakemm ma jintweriex li xi gid li kien jaghmel mill-imsemmi wirt gie mibjugh jew mod iehor trasferit, f'liema kaz il-valur ghandu jitqies bil-prezzijiet tal-lum, u konsegwentement ordnat li s-smigh tal-kawza jissokta bil-gbir tal-provi dwar il-konsistenza tal-wirt ta' Emanuele Ellul, missier l-imharrkin u missier missier l-atturi, u dan biex jigi determinat is-sehem ta' legittima li missier l-atturi kien imissu mill-wirt ta' missieru. Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti qalet hekk:-
"Illi din hija azzjoni ghall-likwidazzjoni u hlas tal-legittima. L-atturi qeghdin jitolbu li jigi likwidat is-sehem tal-legittima li missierhom kellu jedd ghalih mill-wirt ta' missieru;

"Illi ghal din l-azzjoni, l-imharrkin laqghu billi cahdu li huma qatt irrifjutaw lil huhom sehemu mil-legittima dovuta lilu mill-wirt ta' missierhom. Qalu li kienu ghamlu offerta ta' somma likwida bi hlas, imma kien hu li naqas li jaccetta.

"Illi mill-fatti ewlenin li jsawru l-kaz johrog li l-atturi huma wlied hu l-imharrkin. Missier l-atturi miet f'Novembru ta' l-1998, minghajr ma kien ghamel testment. Missieru, li wkoll kien jismu Emanuele, miet wara li kien romol f'Jannar tan-1987. Fit-testment ta' Emanuele Ellul (*senior*), missier l-atturi ma kienx thalla bhala werriet, imma biss bhala legittimarju. Missier l-atturi baqa' ma hax il-legittima mill-wirt ta' missieru sa ma miet. Il-kawza nfethet f'Settembru ta' l-2000.

"Illi il-konsiderazzjonijiet ta' dritt dwar il-kriterju ta' l-iffissar tas-sehem tal-legittima huma determinati minn digriet, moghti fil-parti bikrija tas-smigh tal-kawza, li llimita l-kwestjoni biss ghal stharrig dwar liema kriterju ghandu jigi segwit biex jinhadem l-ammont ta' legittima li kienet dovuta lil missier l-atturi. Il-kwestjoni li nqalghet bejn missier l-atturi u hutu l-imharrkin kienet dwar jekk is-somma li offrewlu bhala hlas ghas-saldu tal-jeddijiet

legittimarji tieghu kinitx wahda xierqa. Din is-sentenza qeghda tinghata biss dwar liema kriterju ghandu jittiehed biex jigi stmat is-sehem legittimarju: jigifieri jekk l-assi tal-wirt ghandhomx jigu stmati skond kemm kien jiswa l-wirt (ta' Emanuele Ellul *senior*) meta nfetah, jew jekk ghandhomx jigu stmati skond kemm jiswew illum;

"Illi, qabel xejn, minhabba li l-ebda wahda mill-partijiet ma dehrilha li kien xieraq li jressaq imqar kopja tat-testment u tad-dokumenti l-ohra rilevanti, il-Qort sejra taghti s-sentenza taghha fuq il-bazi ta' principji minghajr l-ebda riferenza ghall-wirt in kwestjoni. B'dan il-mod, minhabba li l-atti huma sajmin minn taghrif siewi, l-ebda gudizzju m'huwa sejjer jinghata dwar is-siwi jew il-korrettezza tal-valutazzjoni maghmula minn perit imqabbad mill-imharrkin u l-ohra maghmula minn ohthom ohra li wkoll thalliet biss il-legittima;

"Illi l-imharrkin isostnu l-pozizzjoni li l-legittima trid titqies fuq il-valur tal-wirt ta' missierhom fil-waqt ta' mewtu, jigifieri meta nfethet is-successjoni tieghu. Min-naha l-ohra, mis-sens tan-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom, l-atturi jinsistu li s-sehem ghandu jinhadem fil-valuri li l-assi tal-wirt igibu jekk kieku kellhom jigu stmati llum. Dwar dan resqu wkoll riferenza ta' decizjonijiet ta' sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell.

"Illi l-ligi tqies il-legittima bhala parti mill-gid tal-mejjet u mhux bhala sehem mill-wirt tieghu (*hereditatis portio*) u ghalhekk il-legittimarju m'huwiex semplici kreditur tal-wirt u lanqas ma huwa mistenni li jaghmel tajjeb ghad-djun tieghu (ghalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt ihallu effett fuq is-sehem tal-legittima li l-legittimarju jkollu jedd jircievi). Il-legittimarju, ghalhekk, ma jitlifx il-jedd ghal-legittima jekk kemm-il darba jirrinunzja ghall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt. Il-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar (jew accetta li jkun) werriet;

"Illi jsegwi li l-legittima trid tinghata *in natura,* jigifieri tkun maghmula minn kull haga mill-gid tal-mejjet li jew tkun ghadha taghmel parti mill-assi tieghu mal-mewt, jew tkun

iddahhlet idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul hajtu iddispona b'liberalita` minn izjed minn dak li taghtih il-ligi. Il-legittima tinhadem fuq il-wirt kollu maghdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul hajtu wkoll bi hsieb ta' z-zwieg), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral u dak il-gid kollazzjonabbli li l-legittimarju ikun ha minghand it-testatur, u tinghata fi proprjeta` shiha mehlusa minn kull piz jew kondizzjoni;

Illi fid-dawl ta' dawn il-principji ewlenin dwar l-istitut tal-legittima, il-Qorti sejra tqis il-kwestjoni li ghandha quddiemha llum billi taghmel riferenza ghas-sentenza msemmija mill-atturi fin-Nota taghhom u li jidher li ghandha tghodd ghall-kaz fiz-zminijiet tal-lum. F'dik is-sentenza[1] jidher li ngharfu zewg sitwazzjonijiet partikolari f'kaz fejn il-legittima ntalbet: l-ewwel kaz kien jikkontempla l-aljenazzjoni mill-werrieta ta' bicca mill-gid tal-wirt wara l-ftuh tieghu (u waqt li kien ghaddej is-smigh tal-kawza), filwaqt li fit-tieni kaz kien jikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-gid li minnu kellha tittiehed il-legittima baqa' kollu f'idejn il-werrieta. Fl-ewwel ipotezi, il-kriterju kellu jkun li l-valur tal-gid hekk trasferit kellu jkun dak taz-zmien meta sejra tigi likwidata l-kwota legittimarja bis-sentenza. Fil-kaz tat-tieni ipotezi, il-valur tal-gid kellu jkun dak fi zien li nfetah il-wirt, u b'mod izjed preciz: "li, ghal finijiet ta' l-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-*decuius* (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) **bilfors** wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni"[2];

---

[1] App. Civ. 14.12.1973 fil-kawza fl-ismijiet Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi et (mhix pubblikata), li qalbet sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21.2.69 li kienet rabtet mal-kriterju tal-valur fiz-zmien is-sentenza ta' likwidazzjoni

[2] App. Civ.10.12.1973 fil-kawza fl-ismijiet Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et (mhux pubblikata)

“Illi jidher li ghal din ir-regola hemm eccezzjoni fil-kaz fejn il-gid li jkun imiss lil-legittimarju jitgharraq ghal raguni jew kawza fortuwita jew minhabba *force majeure* li ghaliha l-werriet ma jkunx jahti jew fejn il-werriet ma jkunx jahti ghad-dewmien biex il-legittimarju jittqieghed fil-pussess tal-gid li jmissu bhala legittima. F'dawn il-kazi, hemm il-fehma li l-legittima ghandha titqies fuq kemm ikun sa jiswa dak il-gid fil-kundizzjoni li jkun gie ridott, salv kull jedd li l-legittimarju jiehu sehem minn xi kumpens li jista’ jithallas dwar il-hsara mgarrba minn dak il-gid[3]. Issa fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum, ma jidhirx li tirrizulta xi wahda minn dawn iz-zewg cirkostanzi mhux tas-soltu li jwasslu biex titwarrab l-applikazzjoni tar-regola hawn fuq imsemmija.;”

**L-appell ta’ l-atturi.**

B’digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta’ Marzu, 2004 l-atturi gew moghtija permess a tenur ta’ l-Artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex jinterponu appell mis-sentenza parzjali fuq imsemmija u dawn, b’rikors ipprezentat fid-9 ta’ Marzu, 2004 talbu li, ghar-ragunijiet hemm esposti, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta’ Frar 2004 u b’hekk tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi bis-spejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti, jew alternattivament billi tiddikjara li l-istima tal-beni appartenenti lill-wirt ghand(ha) ssir skond il-kriterji tal-lum, u b’hekk tirrinvija l-atti ghall-kontinwazzjoni.
B’risposta pprezentata mill-konvenuti appellati fid-19 ta’ Ottubru 2004 dawn talbu li s-sentenza tigi konfermata “stante li din hija bbazata fuq apprezzament korrett ta’ kif ghandha tigi stmata l-legittima dovuta lill-atturi appellanti.” Fl-imsemmija risposta l-istess konvenuti appellati pero’ ghamlu sottomissjoni li tisposta b’mod drastiku l-bazi tal-kontestazzjoni billi qed jigi sottomess li f’kaz li din il-Qorti ma tikkonfermax d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti, l-valur li ghandu jinghata lill-assi ereditarju ma ghandux ikun dak li jippretendu l-atturi appellanti u cioe` “*fi zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjarja*” izda, skond l-istess

[3] Ara App. Civ. 10.5.1949 fil-kawza fl-ismijiet Farrugia noe et vs Mintoff et (kollez. Vol. XXXIII.i.472)

konvenuti appellati dan ghandu jkun “dak ezistenti meta gew inizjati dawna l-proceduri.” Din is-sottomissjoni gdida ma timmeritax li tigi kunsidrata minn din il-Qorti billi fl-ewwel lok qatt ma giet kunsidrata fis-sentenza appellata u lanqas ma tifforma mertu ta' xi eccezzjoni tal-konvenuti appellati, u fit-tieni lok, kif ser jigi spjegat hawn taht tmur kompletament kontra kull principju enuncjat minn dawn il-Qrati.

**L-aggravju ta’ l-attur appellanti.**

L-aggravju mressaq mill-atturi appellanti ghas-sentenza fuq imsemmija naturalment jikkoncerna l-pronunzjament tal-Qorti ta’ Prim Istanza dwar il-kriterju li kellu jigi adottat biex jigi mahdum il-valur tal-legittima. Ikun utili li s-sottomissjonijiet ta’ l-appellanti jigu riprodotti verbatim, kif qed jsir hawn taht, billi f’dawn is-sottomissjonijiet hemm imfissra, korrettament fil-fehma ta’ din il-Qorti, in succint it-taghlim fir-rigward tal-kwistjoni prezenti li johrog mill-gurisprudenza nostrali.

“Illi bir-rispett kollu l-ewwel Onorabbli Qorti iffraintendiet il-posizzjoni kif deciza fis-sentenzi precedenti u cioe` fil-kawza “Emilia Maria Mifsud vs Eleonora Mizzi” u “Concetta Vella vs Giuseppe Bugeja” decizi mill-Qorti ta’ l-Appell rispettivement fl-14 u 10 ta’ Dicembru 1973; Fil-fatt fil-komputazzjoni tal-legittima hemm zewg stadji, l-ewwel wiehed huwa biex jigi determinat kienx hemm lesjoni tal-porzjoni tal-legittima dovuta lill-legittimarju u t-tieni wiehed fil-likwidazzjoni ta’ dik il-legittima billi jigi estrapolat dak li ghandu jinghata lill-legittimarju in sodisfazzjon tad-dritt tieghu. Din id-distinzjoni tirrizulta car minn dak li rritjenew il-Qrati fil-precitati sentenzi u cioe` li ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjoni legittima, u ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius, wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta’ l-apertura tas-successjoni. Mill-banda l-ohra s-sentenzi jirritjenu li meta l-legittima ma tigiex sodisfatta u trattandosi ta’ beni in natura id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett “un bene reale” u l-“aestimatoria rei” ghandha tkun riferita ghall-zmien tal-konverzjoni, u cioe` fi zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjarji. Illi

huwa evidenti li f'din il-kawza qed tigi biss kontestata l-likwidazzjoni tal-legittima billi ma hemm l-ebda kwistjoni jekk bil-laxxiti li ghamel id-decujus giet lesa d-dritt tal-legittima. Fil-fatt fl-ecezzjoni stess il-konvenuti qieghdin jeccepixxu li huma qatt ma cahdu lill-atturi milli jhallsu l-legittima legali lilhom spettanti. Huma qeghdin jeccepixxu li ghandhom ihallsu lill-atturi esklusivament dak li kienu offrew ihallsuhom fil-ftuh tas-successjoni tad-decujus. Ghalhekk il-kwistjoni hija limitata biss ghall-likwidazzjoni tal-legittima dovuta. Din il-likwidazzjoni billi idealment tinvolvi l-assenjazzjoni lill-atturi tal-kwota legittimarja lillhom spettanti mill-beni ereditarji inkluzi l-immobili trid bil-fors issir fuq il-valuri illum korrenti b'mod li hekk inhuma ma jigux assenjati immobili jridu jigu assenjati valur li jirrifletti l-valur ta' dawk l-immobili illum fid-data li qed tigi likwidata l-legittima dovuta. Ghalhekk jidher car jigi sottomess bir-rispett li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li l-istima ta' l-immobili kellha ssir fuq il-valuri vigenti fid-data tal-ftuh tas-successjoni kienet wahda zbaljata billi dik il-valutazzjoni trid issir bl-ghan li jigi assenjat lillhom sakemm possibili sehem minn dawk l-immobili in natura u in difett valur kongruwu biex jaghmel tajjeb ghal dak is-sehem u ghalhekk bil-fors trid tirrifletti l-valuri li jottjenu llum."

In effetti fis-sentenza tal-14 ta' Dicembru, 1973 fil-kawza "Emilia Maria Mifsud et vs Eleonora Mizzi et" din il-Qorti, kif komposta dak inhar, filwaqt li ghamlet piena referenza ghal dak li kien gie deciz fis-sentenza tal-10 ta' Dicembru ta' l-istess sena, fil-kawza fl-ismijiet "Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et", kompliet hekk:

"Kif inghad f'dik is-sentenza, kwantu ghall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjon legittima, li hi l-materja involuta anki f'dan l-appell, il-Qorti tahseb li m'ghandux ikun hemm kwistjoni, in bazi ghall-principji (ara in partikolari art. 684 Kodici Civili) li ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputu li hi r-rijunjoni fittizja ta' l-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikorstruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dik indisponibbli, anki biex talvolta – dik li tidher kwistjoni centrali f'dan il-kaz – tigi affermata jew eskluza l-ezistenza

tal-lezjoni tal-legittima) bilfors wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni.

Fl-istess sentenza din il-Qorti, izda, kompliet hekk:-

"Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur ta' l-assi u tal-kwota tal-legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" **ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konversjoni,** cioe` z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gjudizzjali u tenut kont ghalhekk **ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja.** (Sottolinear u enfazi ta' din il-Qorti).

Kien biss f'dan is-sens li din il-Qorti bis-sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru, 1973 kienet bidlet id-decizjoni tal-Qorti ta' Prim Istanza inkwantu f'dik is-sentenza kien gie dikjarat biss "li l-istima tal-beni formanti parti mill-porzjoni spettanti lill-attrici bhala legittima, ghandu jsir skond il-valur taghhom fis-suq tal-lum, u mhux dak prevalenti fl-epoka ta' l-apertura tas-successjoni." Mentri wara li l-din il-Qorti, kif dakinhar komposta, ghamlet distinzjoni kif hawn fuq riportata, bejn meta ghandhom jigu utilizzati l-valuri prevalenti fid-data ta' l-apertura tas-successjoni, u meta ghandhom japplikaw l-valuri prevalenti fid-data tas-sentenza, ipprovdiet fuq l-appell billi qalet hekk:
"tiddikjara li l-valutazzjonijiet mehtiega ghandhom isiru ghab-bazi ta' u in konformita` mall-principji enuncjati aktar il-fuq f'din is-sentenza u f'dan is-sens tbiddel is-sentenza appellata u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi."

Din il-Qorti tikkondividi pienament dak li intqal fis-sentenzi fuq imsemmija w billi, kif sewwa osservaw l-atturi appellanti, l-kwistjoni f'dawn il-proceduri hija limitata ghal-likwidazzjoni tal-legittima dovuta, kull valutazzjoni

ghandha ssir bil-valuri ta’ l-assi ereditarju fid-data tal-likwidazzjoni ta’ l-istess legittima.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell interpost mill-atturi qed jigi akkolt u s-sentenza appellata revokata. Konsegwentement l-atti qed jigu rinvijati quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex tigi likwidata l-legittima spettanti lill-atturi fuq valutazzjoni tas-sehem ta’ Emanuele Ellul mill-assi ereditarju “ta’ missieru Emanuele, fi zmien l-iktar qrib possibbili ghall-pronunzja gudizzjarja.” L-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jithallsu mill-konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------